RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 28**
* **Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù Itaqa' nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 15 ta' Jannar 2013 fis-6.30 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Ċerpersin |
| Il-Profs. Anthony Griscti Soler | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sra Etienne Stephania Gatt | Membru |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużata:**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Cecilia Bonello | Membru |

Il-laqgħa bdiet fis-6.40 pm

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A27**

1.01 Iċ-Ċerpersin Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A27 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Virtù jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Il-minuti ġew approvati. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A27

**2.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A 27**

2.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. Korrezzjoni

**3.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A 27**

3.01 3.04 Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'il laqgħa li għad ma għandha l-ebda risposta minn Transport Malta. *Traffic Calmers*

KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

3.02 3.05 Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'il laqgħa li t-tabelli jinsabu ordnati iżda li kienu għadhom ma waslux. [Tabelli tal-ħmieġ tal-klieb]

3.03 5.02 Is-Sur Christopher Farrugia ppropona li l-*bus stop* li hemm fi Triq il-Buskett tigi mressqa 'l fuq (lejn il-Buskett) peress li fejn tinsab bħalissa m'hemmx bankina, m'hemm l-ebda qlugħ għall-elementi u minħabba ċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku fl-akwata. Il-Kumitat qabel ma din il-proposta u żied li meta nibagħtu l-applikazzjoni lil Transport Malta, nżiedu wkoll li hemm bżonn li jitwaħħlu żewġ *bus shelters* fi Triq Godwin Ganado u l-*bus stop* fi Triq il-Buskett issirilha *bus shelter.* [*Bus Shelters*]

3.04 5.05 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet mal-avukat tal-Kunsill dwar dan il-każ u fil-jiem li ġejjien għandha ssir laqgħa miegħu u mas-Sur Pace Bonello u mas-Sur Farrugia. [Siġar fi Triq Ġużeppi Caruana]

**4.00 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

4.01 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv. [Komunikazzjoni mis-S.E.]

**5.00 Komunikazzjoni mill-membri**

5.01 Il-Profs. Griscti Soler informa 'l laqgha li fi Triq Carlo Fiamingo hemm bankina perikoluża peress li għandha xi ċangaturi maqlugħin. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat lill-ħaddiema tal-IPSL sabiex jirranġawha. [Bankina mkissra fi Triq Carlo Fiamingo]

5.02 Is-Sur Christopher Farrugia informa 'l laqgħa li ċertu sinjali tat-traffiku ċċaraw ħafna u talab li jinbidlu. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħat lill-*Works Monitor* tal-Kunsill sabiex jidentifika liema huma. [Bdil ta' sinjali tat-traffiku]

**6.00 Aġġornament**

6.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 12 ta' Frar 2013 fis-6.30 p.m. [Aġġornament]

6.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 pm

**Lino Pace Bonello**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**